**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 47

Data tal-laqgħa: 17 ta' Jannar, 2018

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 17 ta' Jannar 2017 fis-6.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech 6.45p.m. |
| | Mark Azzopardi |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Victoire Muscat |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**47/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**47/01/01** Ma kienx hemm ittri ta' Apoloġija.

**47/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 45 u 46**

**47/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**47/02/02** **Para 45/02/02:** Il-Kunsill għadu ma rċeviex risposta mingħand il-Lands fuq il-kamra li applikajna sabiex tiġi devoluta lilna ħalli tintuża bħala librerija u fuq it-Torri tas-Semaforu sabiex ikun jista' jinkera ħalli jintuża għall-esibizzjonijiet.

**47/02/03** **Para 45/02/03:** Fuq ir-*Revised Street Light Program*, is-Sindku spjega li l-kuntratt ġie ffirmat.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**47/02/04** **Para 45/02/05:** Is-Sur Ġiljan Aquilina spjega li nbeda x-xogħol fuq il-*Victoria Lines* u li bdew mill-inhawi tal-Mosta. Il-pjan huwa li jigu restawrati diversi partijiet minn dan il-bini storiku.

**47/02/05** **Para 45/02/06:** Fuq id-diversi toqob li jridu jsiru mill-ħaddiema tad-dipartiment tax-xogħlijiet, ix-xogħol għadu pendenti.

**47/02/06** **Para 45/02/07:** Fuq il-proposta li Triq Għaxqet l-Għajn (min-naħa ta' Birguma) issir *one-way* mis-6:00a.m.-9:00a.m, irċevejna l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex issir bi prova. Il-Kunsill qabel li nixtu 2 tabelli *one-way* u tabella *No access to Gharghur.*

**47/02/07** **Para 45/02/08:** Rigward is-sistema ta' *Traffic Lights* fi Triq il-Ġnien, is-Sindku qal li għandna nġibu stimi mingħand dawk il-kumpaniji li jikru sistemi ta' *Traffic Lights*.

**47/02/08** **Para 45/02/09:** Is-Sindku qal li l-*bollard* fi Sqaq Rużarju sar.

**47/02/09** **Para 45/02/10:** Fuq it-talba ta' Sur Ancilleri sabiex titranġa parti mill-bankina fi Sqaq iċ-Ċawl, għadna nġibu stima mingħand is-Sur Mario Mallia.

**47/02/10** **Para 45/02/12:** Fuq it-talba ta' Sur Carmelo Bezzina sabiex titranġa l-bankina fi Triq San Bartilmew (fin-niżla) għax l-ilma qed jitħolhom ġewwa. Is-Sindku spjega li l-Perit tal-Kunsill ikkonferma li hemm il-konkos taħt il-madum tal-bankina. Għaldaqstant, ġie deċiż li niktbu lil Transport Malta u nibagħtu kopja tal-korrispondenza lis-Sur Carmelo Bezzina.

**47/02/11** **Para 45/02/13:** Is-Sindku qal li t-tberik tal-Ġnien ta' Żagħruna sar.

**47/02/12** **Para 45/02/14:** Rigward il-kwistjoni tal-berġa s-Segretarju Eżekuttiv bagħtet ittra-e lil Onor. Dr Chris Fearne fejn talbitu sabiex jaġġornana b'dak kollu li jkun qed jiġri.

**47/02/13** **Para 45/02/16:** Is-Sur Aquilina qal li x-xogħol ta'*patching* f'parti minn Triq San Ġwann sar. Is-Sur Christopher Fenech staqsa meta ħa jsir ix-xogħol ta' *patching* quddiem it-Torri tas-Semaforu li jinsab fl-istess triq. Is-Sur Mario Gauci qal li għandna nagħmlu kuntatt ma' Transport Malta. Is-Sur Fenech jemmen li jekk ma ssirx minn Transport Malta għandha ssir mill-Kunsill. Is-Sur Mark Azzopardi qal li l-ewwel għandna nibdew billi niktbu lil Transport Malta u wara nerġgħu niddiskutu. Is-Sindku wkoll qabel li għandha ssir għal benefiċċju tar-residenti. Il-ftehim intalhaq li jekk Transport Malta tirifjuta li taghmilha, l-Kunsill ser jibni bankina u jaghmel patching mill-fondi tieghu stess.

**47/02/14** **Para 45/02/18:** Fuq is-suġġeriment sabiex fi Triq San Ġwann, man-naħa ta' Torri tas-Semaforu sar-*road hump* isiru numru ta' *flexible bollards* sabiex jipproteġu lil min ikun qiegħed jimxi fil-ġenb ta' triq. Is-Sindku qara l-ittra li rċevejna mingħand TM fejn qalulna li ma jistawx isiru u żid jgħid li aħna tlabnihom parir fuq x'jista' jsir minflok.

**47/02/15** **Para 45/04/01:** Fuq il-proġett sabiex jinxtraw numru ta' fanali ġodda peress li l-fanali l-antiki spiċċaw. Is-Sur Aquilina qal li dawn jistgħu jiġu ffinanzjati mill-U.I.F u li fil-ġranet li ġejjin is-Segretarju Eżekuttiv għandha tagħmel kuntatt mal-Ing. Mario Sammut biex jassistina f'dan ix-xoghol. Kien hemm qbil unanimu.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**47/02/16** **Para 45/06/14:** Fuq it-talba ta' Sinjura Marthese Mifsud sabiex issir *shade* mal-bozza għax id-dawl qiegħed jidħol fil-kamra tas-sodda, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-*shade* ħa teħel il-ġimgħa d-dieħla. Is-Sur Carl Grech qal li rridu nordnaw *shade* oħra sabiex teħel ma' bozza li tinsab fi Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu k/m Triq Santa Marija taż-Żellieqa. Il-Kunsill qabel li ssir.

**47/02/17** **Para 45/06/15:** Fuq it-talba ta' Sinjura Alison Borg sabiex isir *double yellow line* bejn il-garaxx u d-dar fejn nru 58 fi Triq Caravaggio, is-*site-visit* saret u nstab li diġa' hemm *line* isfar.

**47/02/18** **Para 45/06/19:** Fuq it-talba għal mera ġdida fi Triq Santa Katerina (ħdejn tal-VRT) għadha ma saritx.

**47/02/19** **Para 45/06/30:** Fuq it-talba għal mera fi Triq Caravaggio, din għadha ma saritx.

**47/02/20** **Para 45/06/31:** Fuq suggeriment li jsir *double yellow line* minn Bezzina Carpet fi Triq San Ġwann sa qabel jibda Sqaq il-Ħofra. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol ħa jsir fil-ġranet li ġejjin.

**47/02/21** **Para 45/06/32:** Fuq it-talba li jsir *double yellow line* (metru) ħdejn il-*bus stop* u l-*gate* fi Triq San Ġwann. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol għadu pendenti.

**47/02/22** **Para 45/06/35:** Il-kaxxa safra quddiem il-5 garaxxijiet fi Triq San Bartilmew saret.

**47/02/23** **Para 45/06/37:** Is-Sur Fenech kien ressaq li nixtru (3) qsari għal Ġnien il-Paċi u (1) għal Misraħ il-Knisja dawn inxtraw.

**47/02/24** **Para 45/06/40:** Is-Sur Fenech kien ressaq li nżarmaw il-*billboard* li jinsab ħdejn ir-*roundabout* ta' Birguma bypass. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol għadu pendenti u li ħa jsir mill-ħaddiema tagħna.

**47/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**47/03/01** Is-Sur Ġiljan Aquilina ressaq li waħda mill-bandli tal-Ġnien ta' Żagħruna ssir għat-tfal iżgħar. Kien hemm qbil unanimu li ssir.

**47/03/02** Is-Sur Aquilina qal li ħa ssir *clean-up* madwar Malta u Għawdex nhar it-22 t'April 2018. Il-Kunsill Lokali tal-Għargħur ħa jkun qed jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

**47/03/03** Is-Sindku ressaq li l-Kunsill Lokali jassisti f'servizz ta' trasport min-Naxxar għal Għargħur u viċi-versa nhar il-25 ta' Marzu 2018 waqt l-attività ta' Ħadd il-Palm. Kien hemm qbil unanimu.

**47/03/04** Is-Sindku propona li f'Marzu ssir laqgħa rigward l-attività ta' Ħadd il-Palm (25/03/2018).Kien hem qbil. Id-data ha tigi miftehma mal-Puluzija u l-ghaqdiet koncernati.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**47/03/05** Is-Sur Aquilina ssuġġerixxa li għal premju 'Nazzareno Vassallo' organizzat minn CareMalta ninnominaw lis-Sur Alfred Muscat (Eks-Kunsillier) li sal-ġurnata tal-lum għadu jgħati kontribut kbir fil-Qasam Soċjali b'mod speċjali mal-Anzjani.

**47/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**47/04/01** Ma kienx hemm.

**47/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**47/05/01** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza fejn ġejna nfurmati li l-applikazzjoni tagħna taħt Measure 4.3 *Rural Development Programme for Malta* (2014-2020) intagħżlet. Ir-*Rural Development Programme* ħa joħroġ €203,218 mill-*European Agricultural Fund for Rural Development*, ekwivalenti għal 90% filwaqt li l-Kunsill Lokali irid joħroġ €22,580 ekwivalenti għal 10%.

**47/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sinjura Svetlana Curmi – Case 250/2017 Stqarrija tal-Bord ta' Gvernanza Lokali.

**47/05/03** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Silvio Scerri fejn qal li t-talba tagħna sabiex Triq Għaxqet l-Għajn tiġi One-Way (mis-6am-9am) min-naħa ta' Birguma ġiet milqugħa.

**47/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Thomas Debono fejn spjega li t-talba tagħna sabiex isiru *bollards* fi Triq Fidiel Zarb ma ġietx milqugħa peress li diġà hemm *double yellow line* u tabelli oħra li jindikaw li wieħed ma jistax jieqaf bil-karozza.

**47/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava – Cir AKL 2018/001 – Group Health Policy Renewal. Kien hemm qbil unanimu sabiex napplikaw għal Group Health Policy.

**47/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava – Cir AKL 2018/002 – Viżibilità lill-Kunsilli Lokali fuq PBS. Is-Sindku għandu jagħmel kuntatt magħhom.

**47/05/07** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sinjura Christine Camilleri – Ittra lill-Kunsilli Lokali laqgħat mal-Għaqdiet Volontarji 2018. Is-Sur Christopher Fenech qal li għandna ngħidulhom li bħala Kunsill lesti li noffru s-Sala biss huma jridu jiġru wara l-għaqdiet.

**47/05/08** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sinjura Marie-Jeanne Borg – Cirkulari Numru 1/2018 – Inizjattiva Kors bil-Malti (Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti (Livell 5 – MQF).

**47/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority – Development Planning Act, 2016 Notification of Un-suspension of Application (PA/03336/17 – Site at, Triq Għaxqet l-Għajn, Gebel San Pietru, Għargħur; Proposed reinstatement of existing garden and proposed resurfacing part of Triq Għaxqet l-Għajn).

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**47/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Silvio Scerri fejn spjega li t-talba tagħna sabiex isiru *flexible bollards* fi Triq San Ġwann ma ġietx milqugħa peress li ma hemmx biżżejjed spazju fejn jitpoġġew dawn il-*bollards* sabiex ma jkunx hemm periklu għal min ikun miexi.

**47/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority.

**47/05/12** Ġiet innutata Kwotazzjoni mir-Road Servicing Ltd – Patch at Triq San Ġwann near Sqaq l-Imnieqa. Ġie deciz li din gholja hafna.

**47/05/13** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Michael Cohen fejn infurmana li mill-1 ta' Jannnar TM nediet proġett ta' infurzar permezz ta' *clamping and towing* fuq vetturi bi pjanċi barranin li jkunu qegħdin ipparkjati f'postijiet pubbliċi b'mod illegali. Bi ftehim mal-AKL, dan il-proġett qed ikun estiż ukoll għal Kunsilli Lokali b'xejn mit-Tnejn sal-Ħadd (24/7).

**47/05/14** Fuq it-talba ta' Sur Nick Callus għal tabella fuq pole "strictly no parking in front of garages at all times" – Il-Kunsill qabel li ssir bil-patt u l-kundizzjoni li ssir mal-*gate* tieghu u ispejjeż għalih.

**47/05/15** Fuq is-suġġeriment sabiex tinqata' siġra fejn il-ground tax-Xwieki – Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li diġà hawn nuqqas kbir ta' siġar u għax minkejja li din is-siġra twaqqa' ftit weraq dan mhux meqjus bħala ħmieġ.

**47/05/16** Fuq it-talba tax-xuffier tal-SRF Velladrians sabiex jitwal id-*double yellow line* min-naħa t'isfel ta' Triq il-Kbira. Dan għaliex ma jkunx jista' jgħaddi bl-iscammel minħabba li jkun hemm il-karozzi pparkjati – Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit* u jekk ikun hemm bżonn isir *double yellow line.*

**47/05/17** Fuq l-ilment ta' Sur Douglas Azzopardi rigward bankina perikoluża fi Triq Dun S. Zarb - Il-Kunsill qabel li nibagħtulu ittra bħala twissija u ngħidulu li ser inżommuh responsabbli.

**47/05/18** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Simon Camilleri sabiex faċċata tal-entratura tal-garaxxijiet jiġi *double yellow line* minflok il-kaxxa s-safra li hemm quddiem il-garaxx peress li ma jkunx jista' jidħol fil-garaxx tiegħu li jinsab fi Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu fin-niżla – Il-Kunsill qabel li ssir *site-visit* mill-Kunsilliera.

**47/05/19** Fuq it-talba ta' Sur Ninu Tanti sabiex isir it-tarmac fi Sqaq ġo Triq Santa Marija taż-Żellieqa – Il-Kunsill qabel li ngħidu lis-Sur Tanti sabiex jagħmel kuntatt mal-Lands għax aktarx li l-isqaq huwa privat.

**47/05/20** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Mario Farrugia sabiex fi Triq Santa Katerina (fejn il-kmamar tan-nar) isiru marki tal-i*speed limit*. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li dawn is-sinjali mhumiex effettivi.

**47/05/21** Is-Sindku ressaq l-ilment ta' Sur Stefan Buhagiar li qal li fi Triq Santa Marija taż-Żellieqa nistgħu noħorġu 3 *parking spaces* minflok 2. Kien hemm qbil unanimu li ssir *site-visit.*

**47/05/22** Is-Sindku ressaq li jsir *refreshing* ta' *road markings* ta' Triq San Ġwann u Triq S. Zerafa.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**47/05/23** Is-Sur Aquilina ressaq li jsiru 5 *parking spaces* fi Triq il-Kbira. Kien hemm qbil unanimu pero' l-ewwel irridu nistaqsu lir-residenti qabel ma jsir ix-xogħol.

**47/05/24** Is-Sindku qal li għandna naqtgħu l-ħaxix peress li kiber ħafna, il-Kunsill qabel li jsir.

**47/05/25** Is-Sur Mario Gauci ressaq sabiex issir biċċa bankina fi Triq Santa Marija taż-Żellieqa. Il-Kunsill qabel li ngħidu lis-Sur Mario Mallia.

**47/05/26** Is-Sur Mario Gauci ressaq talba ta' residenti sabiex isir *double yellow line* fi Triq Mons Luigi Catania dan għaliex qegħdin jipparkjaw fil-kantuniera u qed jinholoq ostaklu. Il-Kunsill unanimament qabel li jsir.

**47/05/27** Is- Sindku ressaq li noġġezzjonaw fuq l-applikazzjoni għal Fuel Station ġdida fl-Iklin peress li l-art ODZ qrib il-konfini tal-Gharghur. Kien hemm qbil unanimu.

**47/05/28** Is-Sur Christopher Fenech qal li l-fanal li jinsab fi Triq Kromb il-Baħar għadu mitfi. Is-SE qalet li diġà kienet infurmat lill-Kuntrattur. Barra minn hekk, is-Sur Fenech spjega li hemm xi ħsara fiz-*zebra crossing* ta' Triq Stiefnu Zerafa. Is-SE ħa tinforma lis-Smart Light Systems.

**47/05/29** Is-Sur Christopher Fenech qal li s-safra ħa ssir bejn is-27 u 29 t'April. Kien hemm qbil unanimu.

**47/05/30** Is-Sur Fenech ressaq li titneħħa l-kaxxa ħamra li hemm fi Triq San Bartilmew peress li mhux tintuża, il-Kunsill qabel li titneħħa.

**47/05/31** Is-Sindku ressaq li napplikaw għas-servizz tal-ilma għal Ġnien ta' Żagħruna, kien hemm qbil unanimu.

**47/05/32** Is-Sur Aquilina spjega li waqa' fanal fuq il-vettura ta' Sur Omar Aquilina li joqgħod fi Triq il-Kbira. Is-Sur Aquilina għamel rapport mal-Pulizija u l-Kunsill qabel li jħallas l-ispejjeż.

**47/05/33** Is-Sindku qal li għandna ngħidu lil ENEMALTA sabiex meta jkunu qegħdin jagħmlu x-xogħlijiet fi Vjal ir-Repubblika jagħmlu *patching* ta' parti żgħira minn din l-istess triq.

**47/05/34** Is-SE qalet li hemm bżonn nixtru *monitor* ġdid għar-*reception* għax li hemm bħalissa ma għadux jaħdem. Barra minn hekk, talbet li jsir *leasing agreement* għal *photocopier* peress li dik li għandna bil-ħsara sfortunatament ma tistax titranġa. Kien hemm qbil unanimu.

**47/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**47/06/01** Ma kienx hemm.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**47/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-*Performance Appraisal Reports***

**47/07/01** Ġie ippreżentat il-*Performance Appraisal Report* tas-SE u l-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport u unanimament qabel ukoll li jirrakkomanda lid-DLG sabiex is-SE tingħata *Performance bonus* ta' 10%. Is-SE ser tieħu ħsieb tibgħat il-*Performance Appraisal Report* lid-DLG. Is-SE ppreparat il-*Performance Appraisal Reports* ta' Sinjura Maria-Elizabeth Azzopardi u ta' Sinjorina Alexia Muscat. Hija rrikomandat li l-ħaddiema klerikali jingħataw *Performance bonus* ta' 6%. Il-Kunsill unanimament approva r-rakkomandazzjoni tas-SE.

**47/08** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**47/08/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha minbarra tal-Smart Light Systems (Nru 32) sakemm ilestu t-tiswijiet kollha.

**47/09** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**47/09/01** Il-laqgħa spiċċat fit-08:10p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 21 ta' Frar 2018 fis-6:00pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**